# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 26**

**Rikors numru 15/14 PC**

**Maria Concetta Spiteri u ghal kull interess li jista' jkollha Nadine Spiteri**

**v.**

**Emanuel Spiteri**

**Il-Qorti:**

<u>Preliminari</u>

1. Dan hu appell maghmul mill-appellanti Nadine Spiteri [l-appellanti] minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja, fil-11 ta' Mejju

2016[1], li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet billi laqghet it-talbiet Appellanti u [1] iddikjarat illi l-appellanti Nadine Spiteri hija intitolata ai termini tal-Artikolu 3B(2)(a) tal-Kodici Civili sabiex tircievi retta alimentarja sa meta tilhaq l-eta` ta' 23 sena f'kaz li hi tkompli bl-istudji taghha bhala studentessa full-time u [2] irrivediet ir-retta alimentari pagabbli mill-appellat ghal wara li bintu ghalqet it-18-il sena, billi ordnat li dan ghandu jhallasha retta alimentarja ta' €150 fix-xahar b'effett mit-28 ta' Lulju 2014 sal-ahhar ta' Settembru 2015, u ta' €60 fix-xahar mill-ewwel ta' Ottubru 2015 sakemm l-istess appellanti taghlaq tlieta u ghoxrin sena jew ma tibqax studenta full-time, skont liema tigi l-ewwel.

Mertu

2. Jirrizulta pacifku illi meta kien gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-genituri tal-appellanti, il-ligi ma kenitx tikkontempla il-kaz fejn genitur jista' jibqa' legalment marbut illi jmantni lil uliedu wara li dawn jaghlqu t-18-il sena. Il-kuntratt ta' separazzjoni in kwistjoni kien gie ippubblikat fis-sena 2010, filwaqt li l-emenda fil-ligi dahlet fis-sehh fis-sena 2011. Ghalhekk, rigward l-obbligu tal-manteniment fil-konfront tal-appellanti, allura minorenni, il-kuntratt ta' separazzjoni kien jipprovdi illi l-appellat kellu jhallas manteniment ghal bintu sakemm din taghlaq it-18-il sena, li jfisser li l-obbligu tal-manteniment tal-appellat ghal bintu

[1] Fl-4 ta' Frar 2015 l-ewwel Qorti tat sentenza parzjali li permezz taghha l-appellanti Maria Concetta Spiteri giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Ma sarx appell minn din is-sentenza.

kellu jieqaf kif appena din issir maggjorenni. L-appellanti bil-proceduri odjerni qed titlob li jigi dikjarat li l-obbligu da parti ta' missierha li jhallasha manteniment jestendi ghall-perijodu sakemm din taghlaq it-23 sena peress li din qed tkompli bl-istudji taghha full-time.

3. L-appellanti fissret it-talbiet taghha bil-mod segwenti:

> 1. "Tiddikjara illi Nadine Spiteri hija intitolata ai termini ta' l-Arikolu 3B (2) (a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tirċievi retta alimentarja sa meta tilħaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena f'każ li hija tkompli bl-istudji tagħha bħala studenta full-time;
>
> 2. "Tirrevedi r-retta alimentarja pagabbli mill-missier a favur bintu bħala retta alimentarja sabiex tirrifletti l-ħtiġijiet tal-istess minuri;
>
> 3. "Tordna lill-konvenut sabiex jamministra a favur ta' bintu Nadine Spiteri r-retta alimentarja pagabbli hekk kif riveduta skond il-liġi mid-data tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) sa meta hija tilħaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena, jew sa meta hija tkompli bl-istudji tagħha skond liema minnhom tavvera ruħha l-ewwel;".

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

4. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi talbu li l-attur jiġi ordnat jibqa' jħallas retta alimentari lill-attriċi bintu sakemm ikollha tlieta u għoxrin (23) sena, peress li din għadha tistudja. Din it-talba l-atturi jgħidu li għamluha billi meta ġie redatt il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-ġenituri tat-tifla, l-liġi ma kienitx għadha tikkontempla każ bħal dan.[2]

[2] Infatti l-artikolu 3B(2)(a) tal-Kap.16 gie introdott bl-ATT XIV tal-2011, mentri l-kuntatt ta' separazzjoni gie pubblikat fil-5.07.2010 ( ara Dok.B anness mar-Rikors guramentat a fol. 7 – 9 tal-process)

"Il-konvenut ressaq, qabel xejn, żewġ eċċezzjonijiet preliminari. Dwar dawn ingħatat sentenza fl-4 ta' Frar 2015. Fil-premessi tal-kawża tagħhom, l-atturi jirreferu għall-kuntratt ta' separazzjoni li kien sar bejn l-attriċi Maria Concetta Spiteri u żewġha, fejn kienet ġiet miftiehma r-retta alimentari li kellu jħallas il-konvenut lil martu għal bintu minuri.[3] Fil-kawża presenti mhumiex jitolbu varjazzjoni ta' dan il-kuntratt, imma li l-konvenut jibqa' jmanti l-bintu sal-eta' ta' tlieta u għoxrin sena, billi din għadha tistudja, u f'ammont ikbar minn dak li kien ġie stipulat fil-kuntratt. Skont il-kuntratt, l-obbligu tal-konvenut li jħallas manteniment għal bintu spiċċa malli din għalqet it-tmintax il-sena. Din il-Qorti issa trid tara biss jekk, irrispettivament minn dak li kien ġie miftiehem fil-kuntratt, bintu għandhiex dritt tibqa' tipperċepixxi mingħand missierha manteniment ulterjuri billi qed tgħid li għadha tistudja. Dan id-dritt illum joħroġ mil-liġi, li fl-artikolu 3B tal-Kap.16 tipprovdi li:

"**3B.** (1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.

"(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:

(*a*) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim *full-time* u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena;"

"F'waħda mill-eċċcezzjonijiet tiegħu l-konvenut iqajjem dubbju dwar kemm verament l-attriċi Nadine Spiteri hija bintu. Dan id-dubbju pero' ġie sorvolat bit-testijiet tad-DNA li saru, u li minnhom irriżulta li Nadine Spiteri hija tassew bint il-konvenut.[4]

"Ġie konfermat ukoll illi l-istess attriċi qed issegwi kors universitarju ta' erba' snin li jwassal għal BSC fin-Nursing.[5] Irriżulta li kemm iddum studenta, din iddaħħal €698.81 u għaxar stipendji ta' ċirca €150 il-wieħed fis-sena, bħala assistenza mill-Gvern.[6] Dawn iġibu għalhekk: €2198.81 fis-sena. Bħala studenta għawdxija l-attriċi tibbenefika ukoll minn *grant* ieħor mill-Ministeru għal Għawdex, ammontanti għal €1500 fis-sena.[7]

"Il-konvenut jikkontendi li llum mhux f'posizzjoni finanzjarja li tippermettilu jikkontribwixxi għall-manteniment ta' bintu. Huwa kien jaħdem bħala *bus driver* mal-Malta Public Transport sakemm ġie

---

[3] Ara para. 8 tal-kuntratt a fol.8 tal-process
[4] Ara affidavit ta' Dr. Marisa Cassar a fol. 41 tal-process, bid-dokumenti annessi a fol.42, 43
[5] Ara xhieda tal-attriċi Nadine Spiteri tas-27.05.2015, Dok.NS 1 a fol.38 u affidavit ta' Helga Borg a fol.72
[6] Ara affidavit ta' Helga Borg
[7] Ara dikjarazzjoni Dok.JC 1 ipprezentata minn Joyce Farrugia fl-udjenza tal-15.03.16

*discharged* b'effett mis-26 ta' Diċembru 2015.[8] Huwa kellu wkoll *part-time job* bħala *taxi driver*, sakemm ma baqax jagħmel hekk b'effett mill-20 ta' Ottubru 2015.[9] Infatti jgħid li t-taxi tiegħu biegħha għal €3000.[10] Isostni li huwa m'għadux kapaċi għax-xogħol ta' *driver* minħabba problemi f'għajnejh, u f'dan ir-rigward ġie ċertifikat mill-ispeċjalista Mr. Ivan Vella,[11] u lanqas għal kwalunkwe xogħol ieħor minħabba dipressjoni. Dwar din il-kondizzjoni ġie ċertifikat minn Dr. Joseph Saliba.[12] Fil-present jgħid li qed jirċievi biss benefiċċju għall-mard ammontanti għal €12.86 kuljum (li jġibu €4694 fis-sena), u dana b'effett mit-3 ta' Ottubru 2015.

"L-attriċi qed titlob manteniment mingħand missierha b'effett mit-28 ta' Lulju 2014 meta għalqet tmintax il-sena.[13] A tenur tal-artikolu tal-liġi hawn fuq ċitat, illum huwa d-dover tal-ġenituri li jibqgħu jikkontribwixxu għall-manteniment ta' uliedhom jekk ikunu għadhom jistudjaw sakemm jilhqu l-eta' ta' tlieta u għoxrin sena. Għalhekk tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti, fejn l-attriċi Nadine Spiteri, għalkemm studenta, qed iddaħħal mal-€3698 f'stipendji u għajnuna oħra, u għalhekk elf euro (€1000) fis-sena biss inqas minn missierha, u tenut kont il-kontribuzzjoni li trid tagħmlilha wkoll ommha, hija l-fehma tagħha illi l-konvenut għandu jkompli jħallasha retta alimentari ta' mija u ħamsin euro (€150) fix-xahar b'effett mit-28 ta' Lulju 2014 sal-aħħar ta' Settembru 2015 meta ma baqax jaħdem, u sittin euro (€60) fix-xahar mill-ewwel ta' Ottubru 2015 sakemm l-istess attriċi tagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena jew ma tibqax studenta *full-time*, skont liema tiġi l-ewwel.

"Għal dawn il-motivi tiddeċidi dwar il-mertu tat-talbiet billi tilqa' l-istess talbiet u:

1. "Tiddikjara illi l-attriċi Nadine Spiteri hija ntitolata ai termini tal-artikolu 3B(2)(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tirċievi retta alimentari sa meta tilħaq l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena f'każ li hija tkompli bl-istudji tagħha bħala studenta *full-time*;

2. "Tirrevedi r-retta alimentari pagabbli mill-konvenut għal wara li bintu għalqet it-tmintax il-sena, billi tordna li dan għandu jħallas lill-istess bintu retta alimentari ta' mija u ħamsin euro (€150) fix-xahar b'effett mit-28 ta' Lulju 2014 sal-aħħar ta' Settembru 2015, u sittin euro (€60) fix-xahar mill-ewwel ta' Ottubru 2015 sakemm l-istess attriċi tagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena jew ma tibqax studenta *full-time*, skont liema tiġi l-ewwel.

[8] Ara discharge notice esebita bhala Dok.ES2 a fol.66
[9] Ara certifikat irrilaxxjat mill-ETC tas-27.10.2015
[10] Ara xhieda tiegħu a fol.89 -90
[11] Ara Dok. ES 1 esebit man-Nota tiegħu tas-16.03.2016
[12] Ara Dok.ES 2 esebit mal-istess Nota
[13] Ara kopja tal-Karta tal-Identita' tagħha a fol.45

<u>L-Appell</u>

5. Fir-rikors tal-appell taghha pprezentat fit-30 ta' Mejju 2016, l-appellanti Nadine Spiteri ressqet erba' ilmenti principali li jistghu jigu sintetizzati hekk: [1] illi l-ewwel Qorti skartat il-provi migjuba quddiemha u strahet fuq dak li ssottometta l-appellat meta qal li hu ma ghadux fil-kondizzjoni li jahdem; [2] illi l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra d-dettami tal-Artikolu 3B tal-Kodici Civili li jistabbilixxu l-kriterji li fuqhom jigi stabbilit il-manteniment ghall-ulied; [3] illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti inghatat minghajr bazi fattwali u kienet ibbazata fuq il-fehma taghha u, [4] illi in kwantu l-ewwel Qorti rrivediet ir-retta alimentari pagabbli lill-appellanti billi rriducietha, hija agixxiet *ultra petita*.

6. Ghalhekk, l-appellanti titlob lil din il-Qorti, sabiex timmodifika s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonferma l-parti fejn laqghet it-talbiet kollha tal-appellanti, timmodifika r-retta alimentarja pagabbli lilha billi tigi riveduta 'l fuq; bl-ispejjez kontra l-appellat.

7. Fir-risposta tal-appell tieghu pprezentata fis-16 ta' Gunju 2016, l-appellat, ghar-ragunijiet hemmhekk spjegati, jissottometti illi l-aggravji tal-appellanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jitlob lil din il-Qorti sabiex tichad l-appell, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

L-Aggravji

8. L-appellanti ssostni li fid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti skartat il-provi migjuba minnha fis-sens li strahet biss fuq dak sottomess mill-appellat meta qal li m'ghadux fil-posizzjoni li jahdem. Tghid li, minkejja li jista' jkun li l-appellat ghandu problema fil-vista tieghu, u ghalhekk m'ghadux fi grad li jahdem bhala xufier tal-buses jew tat-taxi, hija gabet provi sodisfacenti tal-fatt li l-appellat isuq mutur minghajr problemi.

9. Tghid li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra d-dettami tal-artikolu precitat li jistabbilixxu l-kriterji li fuqhom ghandu jigi stabbilit il-manteniment ghall-ulied. Tghid ukoll li, ghalkemm l-istudenti universitarji jircievu stipendju u ghajnuniet, dawn ma jinghatawx sabiex l-istudenti jaghmlu kapital minnhom, imma jinghataw ghajnuniet diretti lejn il-finanzjament tal-istudji taghhom. Barra minn hekk, l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra li dawn ma jkollhom ebda introjtu partikolari ghalihom infushom, u ghalhekk ghall-bzonnijiet l-ohra jaghmlu tajjeb il-ġenituri taghhom.

10. Tghid li l-partijiet kienu qablu illi r-retta alimentarja ghall-appellanti meta din kienet ghadha minuri kienet ta' €200. Bid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti ghabbiet sostanzjalment lil ommha li dejjem kienet is-sors ewlieni ta' dak kollu li bintha l-appellanti kellha bzonn. Tissottometti li z-

zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu u jaghmlu hilithom biex jissodisfaw il-bzonnijiet tal-minuri u ghalhekk, ghalkemm l-appellat ma jahdimx, dan m'ghandux jitqies li jfisser li ma jistax jaghmel xoghol iehor li minnu jista' jkollu introjtu decenti. Barra minn hekk tissenjala li, kif assodat fil-gurisprudenza nostrana, il-fatt li persuna ma tahdimx ma jfissirx li necessarjament tinheles mill-obbligu li taghmel hilitha biex tmantni u tghajjex lil uliedha.

11. In sostenn tat-tezi taghha li l-appellat xorta jista' jahdem u jdahhal introjtu, l-appellanti pprezentat video digitali u numru ta' ritratti li juru li l-appellat jista' jsuq mutur. Tissottometti wkoll li l-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha ma tatx il-piz debitu lil dan il-fatt u d-decizjoni tal-ewwel Qorti kienet imsejsa biss fuq il-fehma taghha minghajr bazi fattwali.

12. Tghid li, mghadud ma' dan meta l-ewwel Qorti rrivediet ir-retta alimentarja 'l isfel, hija agixxiet *ultra petita* stante li mill-premessi kontenuti fir-rikors guramentat, it-talba taghha kienet li dik ir-rata tigi riveduta 'l fuq peress li l-bzonnijiet tal-appellanti huma ferm akbar milli kienu meta hi kienet ghadha minorenni.

13. L-appellat iwiegeb ghall-aggravji billi jghid li din il-qorti bhala qorti ta' revizjoni m'ghandhiex tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti, li huwa wiehed gust fic-cirkostanzi.

14. L-appellat jissottometti li *quod non est in actis non est in mundo*, u fil-kaz tal-appellanti, l-unika prova li din gabet biex tissostanzja t-talbiet taghha kienet ix-xhieda taghha li fiha ma tat ebda dettalji jew provi li jikkorroboraw l-ispejjez li ghandha. Minn naha tieghu l-appellat tella' xhieda relevanti kemm rigward il-mezzi finanzjarji tieghu kif ukoll dwar il-kapacita` li jahdem. Barra minn hekk, ressaq xhieda dwar il-qliegh annwali li tippercepixxi l-appellanti. Huwa tella' wkoll provi fir-rigward ta' sahhtu permezz ta' certifikati medici u xhieda ta' tobba li kkonfermaw il-problemi fizici tieghu u, pprezenta wkoll provi li hu qieghed jippercepixxi l-beneficcju tal-mard – provi li jkomplu jikkorroboraw li ma huwiex tajjeb ghax-xoghol. Esebixxa wkoll ittra mill-employer tieghu li hu kien gie licenzjat mix-xoghol ghal ragunijiet medici.

15. Jissenjala li l-argument maghmul mill-appellanti li, gia ladarba l-appellat jista' jsuq mutur allura jista' jkompli x-xoghol tieghu ta' xufier, huwa inaccettabbli u juri li l-appellanti ma fehmitx il-kondizzjoni ta' missierha. Mutur huwa l-uniku mezz li jista' jsuq in kwantu dan ghandu dimensjoni zghira u ghalhekk jippermettilu li jzomm *proper lookout.* Mix-xhieda tal-esperti jidher ukoll li din il-kondizzjoni ser tkompli taggrava.

16. Dwar l-ilment tal-appellanti illi l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-kriterji legali kontemplati fl-artikolu precitat, jghid illi dan ma hux minnu stante li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha wara li fliet x'jghid dak l-artikolu u wara li qieset il-provi kollha prodotti. Ingabu provi dwar l-introjtu tal-appellanti bhala studentessa full-time, li ghas-sena 2015 – 2016 lahhaq l-ammont ta' €3,704.71. Jghid ukoll li huwa fatt notorju u risaput li l-istudenti fl-edukazzjoni terzjarja jistghu japplikaw biex jahdmu fis-sajf, imma l-appellanti baqghet mankanti u ma gabitx provi fir-rigward. Barra minn hekk, l-appellanti tghix ma' ommha li ghandha impjieg full-time u anki dan il-fatt kellu jittiehed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-mezzi abbazi tal-Artikolu 3B.

17. Jissottometti ulterjorment li l-imsemmi artikolu kif emendat jimponi fuq kull genitur l-obbligu li jmantni lil uliedu wara t-18-il sena limitatament "*fejn ma jkunx ragonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq*". Ghalhekk oltre l-mezzi u l-bzonnijiet issa hemm ukoll l-ezami tal-punt jekk wild jistax ragjonevolment imantni lilu nnifsu. Jghid ukoll li l-appellanti ma gabet ebda prova dwar il-manteniment li qed tghaddilha l-omm.

18. L-appellat jissottometti wkoll li jirrizulta manifest li l-ewwel Qorti skartat ghal kollox il-fatt li fit-tliet xhur tas-sajf huwa ragjonevolment

possibbli li l-appellanti ssib xoghol part-time jew full-time u tmantni lilha nnifisha u b'hekk ghax-xhur tas-sajf setghet facilment ezonerat lil missierha mill-obbligu li jhallasha manteniment.

19. Jirribadixxi li l-appellanti ma gabet ebda prova konkreta dwar x'inhuma l-ispejjez u l-bzonnijiet taghha, dwar il-kirja tal-appartament jew dwar l-ispejjez li ghandha gewwa Malta.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

*L-ewwel u t-tielet aggravji*

20. Din il-Qorti ser tikkonsidra dawn iz-zewg aggravji flimkien peress li t-tnejn jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. Fit-tielet aggravju l-appellanti tilmenta li d-decizjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti hi minghajr bazi fattwali, filwaqt li fl-ewwel aggravju tilmenta li l-ewwel Qorti strahet fuq il-provi mressqa mill-appellat, filwaqt li skartat dawk migjuba mill-appellanti.

21. Fl-ewwel lok din il-Qorti tirribadixxi li bhala Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament ta' fatt maghmul mill-ewwel Qorti sakemm ma jirrizultax li dan l-apprezzment hu vizzjat bi zball manifest li jekk ma jigix rettifikat parti jew ohra ser issofri ingustizzja. Fi

kliem iehor, jekk ma jirrizultax li l-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti kienet tali li mill-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghaliha, allura dak l-apprezzament ma jigix disturbat. *Multo magis*, fid-dawl tal-konsiderazzjoni li f'dan il-kaz l-ewwel Qorti kellha l-beneficju li tisma' x-xhieda tal-partijiet *viva voce*.

22. Fil-meritu l-Qorti tibda bl-osservazzjoni li dawn l-aggravji jahdmu kontra xulxin ghax jew id-decizjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti hi minghajr bazi fattwali, jew hi bazata fuq parti mill-provi li tressqu quddiem dik il-Qorti.

23. Rigward l-ilment li d-decizjoni appellata hi minghajr bazi fattwali, din il-Qorti tosserva li, minn qari anke superficjali tas-sentenza appellata, jirrizulta car u manifest li l-ewwel Qorti ezaminat u fliet fid-dettal il-provi li kellha quddiemha u fasslet il-konsiderazzjonijiet taghha fuq dawk il-provi li fil-fehma taghha kienu sostenibbli.

24. Mill-atti jirrizulta li l-appellat ressaq diversi provi, kemm dwar il-kondizzjoni hazina ta' sahhtu kif ukoll dwar l-inkapacita` tieghu li jahdem u jiggenera introjtu regolari. Ic-certifikati medici tal-ispecjalisti, li ghalkemm ma gewx konfermati mill-awturi taghhom bil-gurament, ma gewx kontradetti[14], jaghtu stampa cara tal-istat ta' sahha tal-appellat,

[14] Il-kontenut ta' dawn ic-certifikati la gie kontradett fin-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet prezentati quddiem l-ewwel Qorti u lanqas fir-rikors tal-appell.

kemm in kwantu ghan-nuqqas fil-vista tieghu kif ukoll in kwantu ghall-istat ta’ depressjoni li waqa’ fih. Dan jinsab konfortat ukoll mill-fatt provat li mit-3 ta’ Ottubru 2015 l-appellat kien beda jiehu l-beneficju ghal mard mill-iStat. Ghaldaqstant din il-Qorti tosserva li dan l-ilment tal-appellanti huwa gratuwitu u bla ebda bazi.

25. Rigward l-ilment li l-ewwel Qorti skartat il-provi mressqa mill-appellanti u minflok, strahet fuq il-provi mressqa mill-appellat, din il-Qorti tosserva li l-provi mressqa mill-appellanti huma skarsi. Dawn jikkonsistu biss fil-kontenut tar-rikors guramentat, senjatament dik il-parti fejn l-appellanti tghid li malli saret maggjorenni l-appellat waqaf jaghti manteniment ghalija, u fix-xhieda taghha li tat waqt l-udjenza tas-27 ta Mejju 2015 minn fejn jirrizulta li hi studentessa full-time fl-Universita` ta’ Malta u li malli ghalqet it-18 –il sena l-appellat waqaf jaghti manteniment ghaliha. Hi pprezentat ukoll provi dokumentali li juru lill-appellat isuq mutur. Izda ghal bqija l-provi minn naha tal-appellanti huma skarsi, anzi lampantament mankanti minn dettalji ta’ fatti relevanti ghall-kaz taghha, bhal per ezempju, provi dwar x’inhuma l-ispejjez u l-bzonnijiet taghha, l-ammont tal-kera li thallas tal-appartament li toqghod fih f’Malta u xi spejjez ohra ghandha ghall-ghexjien taghha. Kien jispetta lill-appellanti li tressaq provi konkreti fir-rigward. Il-provi digitali u dokumentali mressqa mill-appellanti diretti biex juru li l-appellat hu kapaci li jsuq mutur, ma jistghux iwaqqghu ic-certifikazzjoni medika maghmula minn

tobba specjalizzati. L-appellat spjega illi in kwantu mutur huwa ta' dimensjoni izghar, dan jippermettilu illi jzomm *proper lookout*, pero` ma jfissirx li ghaliex huwa kapaci jsuq mutur, huwa jista' jsuq xarabank. Din il-prova ma tikkostitwiex ghalhekk prova sufficjenti sabiex tirribatti c-certifikazzjonijiet medici, partikolarment dik tal-Psikjatra Dr Joseph Spiteri, li ressaq l-appellat dwar l-impossibilita` tieghu illi jkollu "gainful employment". Minn naha l-ohra, l-appellat ressaq diversi provi kemm dokumentali kif ukoll xhieda sabiex isostni l-posizzjoni tieghu li huwa inkapaci ghax-xoghol minhabba ragunijiet ta' sahha.

26. Rigward is-sottomissjoni tal-appellanti li l-ewwel Qorti naqset milli tqis li l-ghajnuna li hija tircievi mill-iStat hija diretta sabiex tghinha fl-edukazzjoni u fl-istudji taghha u mhux biex isostnuha ghall-ghixien taghha, din il-Qorti tosserva li din is-sottomissjoni hija kontradetta mill-provi minn fejn jirrizulta li l-ghajnuna li tircevi l-appellanti bhala studentessa Ghawdxija full-time li tistudja Malta tlahhaq l-ammont komplessiv ta' €3,7041 ta' sena akkademika wahda. Dan jirrizulta mix-xhieda, li tat Joyce Farrugia, Direttrici tal-Customer Services fil-Ministeru ta' Ghawdex waqt l-udjenza tal-15 ta' Marzu 2016[15], li l-appellanti bhala studentessa Ghawdxija fl-Universita` ta' Malta, hija intitolata ghal €1,500 annwali bhala *grant* fuq l-ispejjez ta' akkomodazzjoni u trasport. L-istess xhud spjegat li dan il-*grant* huwa indirizzat ghal "*Accomodation u ghal bzonnijiet li jkollhom Malta [studenti Ghawdxin], jigifieri trasport, ikel*

[15] Fol 108 et seq

*u affarijiet ohra, gass u elettriku*". Dan jinghata oltre s-somma ta' €2,204.71 fis-sena rapprezentanti l-istipendji ta' kull xahar flimkien ma' somma ohra ulterjuri ghal kull sena akkademika, biex b'hekk id-dhul annwali tal-appellanti abbazi tas-sena akkademika 2015-2016 kien ta' €3,704.71.

27. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tosserva li fuq il-provi akkwiziti fir-rigward, l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, tenut kont tan-nuqqas ta' provi sodisfacenti u relevanti da parti tal-appellanti.

28. Ghaldaqstant dawn iz-zewg aggravji tal-appellanti huma manifestament mhux gustifikati, jirrazzentaw il-fieragh, u qed jigu michuda.

*It-tieni aggravju*

29. L-ilment tal-attrici fir-rigward huwa fis-sens li fid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti ma qiesitx il-kriterji legali stipulati fl-Artikolu 3B kemm dwar il-punt jekk l-appellat ghandux jaghti manteniment lill-appellanti, kif ukoll, fil-kaz affermattiv, il-*quantum* tal-manteniment li ghandu jinghata.

30. Din il-Qorti tosserva li, kif jirrizulta car mill-artikolu precitat, il-kriterji legali li jifformaw il-bazi tal-vertenza in dizamina huma: [1] li, ghalkemm l-appellanti saret maggjorenni ghadha taht l-eta` ta' 23 sena; [2] li hija studentessa full-time fl-Universita` ta' Malta u, [3] il-bzonn li tigi mantenuta peress li fic-cirkostanzi mhux ragjonevolment possibbli li tmantni lilha infisha, kif ukoll [4] il-mezzi tal-appellat li jippermettu li dan ihallas mantenimnet xieraq.

31. Mill-atti jirrizultaw pacifici l-ewwel zewg fatturi, u l-vertenza bejn il-partijiet tirriduci ruhha ghad-determinazzjoni tal-punt jekk l-appellanti ghandhiex verament bzonn li tircievi manteniment minghand missierha, stante li mhux ragjonevolment possibbli li tmantni lilha nfisha u, fil-kaz affermattiv, jekk missierha l-appellat ghandux il-mezzi sabiex jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-appellanti. Kif gia spjegat fil-konsiderazzjonijiet dwar iz-zewg aggravji precedenti, din il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet maghmula u l-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti, li, filwaqt li l-appellat mhux fil-posizzjoni li jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-appellanti fl-ammont pretiz minnha, l-appellanti minn naha taghha ghandha introjtu relevanti, f'forma ta' ghajnuna mill-iStat, li jdghajjef, ghalkemm ma jeliminax, il-pretensjoni taghha li titlob abbazi tal-bzonn, manteniment minghand missierha.

32. L-ewwel Qorti kkonsidrat sodisfacentement il-kriterji preskritti fl-Artikolu 3B u waslet ghall-konkluzjoni li - tenut kont tal-ghajnuna finanzjarja li tircievi l-appellanti, ikkonsidrata tali ghajnuna fid-dawl tal-fatt provat li l-appellat, minhabba ragunijiet ta' sahha, mhux fil-posizzjoni li jahdem bi qliegh u ghalhekk qed jircievi l-beneficcju tal-mard minghand l-iStat, waslet sabiex, wara li kkonsidrat ukoll l-ammont tal-beneficju tal-mard li jircievi l-appellat u wara li kkonsidrat ukoll li anke omm l-appellanti ghandha l-obbligu li tikkontribwixxi ghall-ghajnuna ta' bintha, - ir-retta alimentarja li ghandu jhallas l-appellat hi ta' €150 fix-xahar b'effett mit-28 ta' Lulju 2014 [meta l-appellanti saret maggjorenni] sal-1 ta' Ottubru 2015 [meta l-appellat waqaf mix-xoghol], u minn din l-ahhar data sakemm l-appellanti taghlaq it-23 sena jew ma tibqax studentessa full-time, skont liema jigi l-ewwel, il-manteniment pagabbli mill-appellat lill-appellanti ikun ta' €60 fix-xahar.  Din il-Qorti taqbel ma' din il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti u ma tikkonsidrax li ghandha tiddisturba l-apprezzament maghmul minn dik il-Qorti fir-rigward.

33. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi respint.

*Ir-raba' aggravju*

34. Dan huwa fis-sens li, meta l-ewwel Qorti, stabbiliet il-*quantum* tal-manteniment dovut lilha minghand missierha, dik il-Qorti agixxiet *ultra*

*petita*. Skont l-appellanti, il-Qorti setghet biss tirrivedi u tiffissa l-manteniment 'il fuq mill-ammont ta' €200 fix-xahar li ommha kienet tircievi ghall-appellanti, allura minuri, skont il-kuntratt ta' separazzjoni, izda ma setghetx il-Qorti tirrivedi r-retta alimentarja billi tistabilixxi ammont inferjuri ghal dak l-ammont.

35. In vena legali din il-Qorti tirribadixxi li:

> "...jinkorri f'vizzju ta' ultra petizzjoni dak il-gudikant li jippronunzja ruhu oltre l-limiti tal-pretensjonijiet jew ta' l-eccezzjonijiet imressqa mill-partijiet, ossija fuq materja estraneja ghall-oggett tal-gudizzju, li ma jkunx ukoll rilevabbli ex officio. Wisq ragonevolment, dan ma jfisserx illi l-gudikant hu b'xi mod ristrett milli jindividwa n-natura ezatta ta' l-azzjoni jew li jqieghed ghab-bazi tal-pronuncjament tieghu konsiderazzjonijiet ta' dritt diversi minn dawk prospettati mill-partijiet, u anke mill-inizzjattiva taghhom, ghax tali fakulta taqa' fl-attribuzzjonijiet tieghu. Jinghad, di fatti, fost it-taghlim tal-Mattirolo illi "non pecca di ultra petita la sentenza la quale accogliendo la conclusione di una delle parti aggiunge a sostegno di essa dei motivi in diritto che non furono fatti valere dalla parte medesima, o dei motivi in fatto che emergono dagli atti della causa". **("Marchese Riccardo Cassar Desain nomine -vs- Giovanni Spiteri",** Appell Civili, 25 ta' Novembru, 1927). Naturalment, dan salv dejjem li l-gudikant jibqa' fl-argini ta' dak lilu domandat jew eccepit". *[App.C Melita Cable plc vs Awtorita' ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni, deciza 13 ta' Frar 2009]*

36. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li dak li ma jezistix ma jistax jigi rivedut. Ghalhekk fil-kaz odjern, hekk kif l-appellanti ghalqet it-18 –il sena l-<u>obbligu kuntrattwali</u> tal-appellat li jkompli jhallasha manteniment intemm, kif intemm ukoll l-obbligu li jhallas manteniment fl-ammont stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni u minflok, dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk fic-cirkostanzi jikkonfigurax l-<u>obbligu *ex lege*</u> li jaghti manteniment lill-appellanti. Dan huwa rifless fl-ewwel talba tal-

appellanti, diretta sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-appellat ghandu l-obbligu legali li jhallasha manteniment, filwaqt li t-tieni talba hi diretta lejn il-*quantum* tal-manteniment talvolta dovut. Il-pretensjoni tal-appellanti, fid-dawl tal-premessi u tat-talbiet taghha kif dedotti fir-rikors promotur, hija fis-sens li l-appellat, bhala missierha, ghandhu l-obbligu li jkompli jihallasha manteniment f'ammont li jissupera l-ammont ta' €200 li kien ihallas qabel u li jirrifletti l-htigijiet taghha.

37. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li, minkejja li l-appellanti qed tippretendi kumpens f'ammont oghla minn dak li l-appellat kien ihallas meta hi kienet ghadha minorenni, il-Qorti ghandha tezamina t-talbiet taghha mhux biss fil-kuntest tal-htigijiet tal-appellanti, izda wkoll fil-kuntest tal-mezzi tal-appellat bhala l-genitur obbligat li jhallas il-manteniment. Dawn iz-zewg fatturi jew kriterji, ta' bzonn u ta' mezzi, huma espressament preskritti fl-Artikolu 3B [2] u ghalhekk ghandhom jigi ezaminati flimkien fil-kuntest tal-provi li ghandha quddiemha l-Qorti. Dan ifisser li, ladarba jirrizulta li l-appellat ghandu l-obbligu li javversa manteniment lill-attrici, ghandu jigi debitament ikkonsidrat dak li rrizulta provat fil-mori tal-kawza, jigifieri li minn certu data [1 ta' Ottubru 2015] l-introjtu tal-appellat naqas drastikament u gie ridott ghall-ammont li qed jircievi bhala beneficcju socjali tal-mard.

38. Il-pretensjoni tal-appellanti, li l-ewwel Qorti waqat fl-*ultra petitum* meta ffissat ammont inferjuri ghal dak li kien ihallas l-appellat bis-sahha tal-obbligu assunt minnu kuntrattwalment, hija legalment insostenibbli, kemm ghax dak l-obbligu kuntrattwali kien spicca meta l-appellanti ghalqet it-18 il-sena kif ukoll ghax fil-komputazzjoni tal-manteniment skont l-artikolu precitat il-Qorti hi marbuta li tezamina wkoll il-mezzi tal-appellat.

39. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

40. Rigward il-kap tal-ispejjez relattivi ghall-ewwel istanza, din il-Qorti, tenut kont li s-sitwazzjoni finanzjarja tbiddlet b’mod sostanzjali matul il-proceduri u allura l-appellanti ma setghetx tkun taf bihom meta gie prezentat ir-rikors guramentat, hi tal-fehma li l-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet b’mod ugwali.

<u>Decide</u>

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti qed tichad l-appell fl-intier tieghu u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

L-ispejjez relatati mal-ewwel istanza, apparti dawk gia decizi mill-ewwel Qorti fis-sentenza preliminari tal-4 ta’ Frar 2015, ikunu a kariku taz-zewg

partijiet fi kwoti uguali, filwaqt li dawk relatati mal-appell odjern ikunu kollha a kariku tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb